# Napprezzaw l-opri li nsibu fil-knisja Parrokkjali ta' Marsaxlokk

*Is-Sur Horace Gauci*

***Introduzzjoni***

Minn din is-sena, permezz ta' dawn il-paġni, ser nibdew nagħtu titwila ta' apprezzament lejn l-opri artistiċi li nsibu fil-knisja Parrokkjali tagħna. Nistgħu ngħidu li għalkemm għandna knisja mdaqsa, madanakollu xorta waħda nsibu diversi opri artistiċi, xi drabi ta' valur kbir ukoll. B'opri artistiċi nifhem pittura, skultura, oġġetti sagri u kull ħaġa oħra li hemm użu għaliha fil-knisja Parrokkjali.

Huwa impossibli li f'paġna waħda ġġib ritratt u/jew informazzjoni fuq dawn l-oġġetti kollha. Però minn din is-sena ser nibdew nagħtu xi informazzjoni fuq xi wħud minn dawn l-oġġetti artistiċi li nsibu fil-knisja Parrokkjali tagħna. Aktar minn hekk, ser inkunu qed nippublikaw ukoll xi ritratti (bil-kulur) ta' dawn l-imsemmija oġġetti.

Ħafna drabi jiġrilna, li fil-jiem tal-festa Parrokkjali nħarsu lejn il-vara, id-damask u l-linef; u bilkemm nagħtu ħarsa lejn dawn l-oġġetti li qed nirreferi għalihom. Għalhekk ta' min japprezza l-ħidma, il-bżulija u l-isforz li għamlu missirijietna sabiex ħallewlna dawn it-teżori f'idejna.

Nistedinkom sabiex taqraw din l-informazzjoni bil-qalb u b'apprezzament lejn dawn l-antenati tagħna. Minn dawn il-paġni jien insellmilhom ilkoll u ngħidilhom 'Grazzi kbira'. Lilna mbagħad inħeġġeġ, sabiex nagħmlu l-aħjar użu minn dawn l-oġġetti filwaqt li nibżgħu għalihom.

***L-ewwel titwila lil...***

Din is-sena ser nagħtu titwila lejn xi oġġetti sagri li jintużaw biss fil-jiem tal-festa Parrokkjali. Dawn huma l-isfera l-kbira (li tintuża fil-jiem tat-tridu, lejliet u nhar il-festa għal waqt il-barka Sagramentali), il-kalċi tal-festa (li jintuża għall-quddiesa ta' lejliet il-festa, għall-quddiesa l-kbira tal-festa u għall-quddiesa tal-pellegrinaġġ tat-8 ta' Mejju), iċ-ċensier tal-festa (li jintuża lejliet u nhar il-festa biss) u l-kannopew tar-rakkmu (li jintuża matul il-jiem tat-tridu, lejliet u nhar il-festa, u nhar il-pusess tal-kappillan).

F'din il-paġna ser issibu l-informazzjoni li nafu dwar dawn l-oġġetti sagri. Fil-paġna li jmiss imbagħad hemm ir-ritratti tal-imsemmija oġġetti sagri.

**(1) L-isfera l-kbira**

Isfel ta' din l-isfera nsibu miktub dan li ġej "Joseph et Aloysius fratres Coleiro donaverint A.D. MCMVI" li tfisser li din l-isfera hija donazzjoni tal-aħwa Joseph u Aloysius Coleiro fl-1906. Din l-isfera hija maħduma fil-fidda Taljana u indurata bid-deheb.

**(2) Il-kalċi tal-festa**

Fil-bażi ta' dan il-kalċi maħdum fil-fidda wieħed jista' jara miktub dan li ġej "Card. Franzoni Pro. Emi. Speranza. Grate donavit 1857". Dan ifisser li dan il-kalċi xi darba kien tal-kardinal Speranza. Aktar minn hekk, il-kalċi huwa eqdem mill-Parroċċa tagħna għaliex Marsaxlokk sar Parroċċa fl-1897. Jista' jkun li dan il-kalċi kien għand xi persuna li maż-żmien irregalatu lill-Parroċċa tagħna.

**(3) Iċ-ċensier tal-festa**

Dan iċ-ċensier inkluż in-navetta tiegħu, hu maħdum kollu kemm hu fil-fidda. Minn skrizzjoni li nsibu fuqu nafu li kien irregalat lill-Parroċċa tagħna mis-Sinjorina Carla Naudi (mill-Ingilterra) fl-14 ta' Frar 1909. Dan ifisser li din is-sena dan iċ-ċensier għalaq mitt sena jintuża fil-Parroċċa tagħna.

**(4) Il-kannopew tar-rakkmu**

Bla dubju u bla tlaqliq ta' xejn, nistgħu ngħidu li dan il-kannopew huwa xogħol tar-rakkmu mill-isbaħ li wieħed isib fil-gżejjer tagħna. Dan il-kannopew inħadem madwar 80 sena ilu. Ta' min isemmi li dan il-kannopew huwa xi ftit 'żgħir' għat-tabernaklu li għandna llum. Dan minħabba li dan il-kannopew kien ġie maħdum għal fuq it-tabernaklu tal-artal maġġur l-antik. Però xorta waħda joqgħod sew u paxxut fuq it-tabernaklu li hemm illum. Fil-jiem tal-festa Parrokkjali, dan il-kannopew jista' jitgawda minn fuq l-artal maġġur, eżattament fuq it-tabernaklu.

*Jissokta f'ħarġa oħra, is-sena d-dieħla.* ●



(2)



(3)



(4)



(1)